# Kelma tal-Ħajja

**LULJU 2024**
**ĦARĠA 7**

movimentiment
tal-fokolari

www.focolaremalta.org

## “Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni” (*Sal* 23[22],1).

*Salm* 23, li hu wieħed mis-salmi l-aktar magħrufa, hu għanja u fl-istess ħin stqarrija ta’ fidi mimlija fiduċja u ferħ. Din it-talba qed jagħmilha mill-poplu Lhudi, li kien irċieva mingħand il-profeti l-wegħda li l-Mulej kien se jkun ir-Ragħaj tiegħu. L-awtur ta’ dan is-Salm jesprimi l-hena li jħoss għax jaf li hu jinsab taħt il-ħarsien tat-Tempju [1]. Fih hu jistkenn u jaqla’ l-grazzji. Bl-istess mod, bl-esperjenza tiegħu, irid jagħmel il-qalb lill-oħrajn biex jimtlew bil-fiduċja fil-preżenza tal-Mulej.

**“Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni”.**

Ix-xbieha tar-ragħaj u tal-merħla hi għażiża ħafna fil-Kotba Mqaddsa. Biex nifhmuha sew, irridu mmorru bil-ħsieb fid-deżerti niexfa u mimlija blat tal-Lvant Nofsani. Ir-ragħaj imexxi l-merħla tiegħu bi ħlewwa liema bħalha, għax mingħajru żgur li tintilef u tmut. In-ngħaġ iridu jitgħallmu jafdaw fih billi jisimgħu leħnu. Fuq kollox, ir-ragħaj irid jibqa’ dejjem magħhom bla ma jħallihom qatt waħidhom.

**“Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni”.**

Dan is-salm jistedinna nsaħħu r-rabta intima tagħna m’Alla billi nagħmlu l-esperjenza ta’ mħabbtu. Forsi jkun hemm min jistaqsi l-għala l-awtur ta’ dan is-salm jasal biex jgħid “xejn ma jonqosni?” L-esperjenza tagħna ta’ kuljum qatt ma tkun nieqsa minn sfidi u problemi ta’ saħħa, minn problemi ta’ qrabatna, minn diffikultajiet fix-xogħol, eċċ. U ma rridux ninsew it-tbatijiet kbar ħafna li jġarrbu ħafna minn ħutna minħabba gwerer, tibdiliet fil-klima, emigrazzjoni, vjolenza eċċ.

**“Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni”.**

Forsi l-qofol ta’ dan is-salm jinsab fil-kliem “għax inti miegħi” (*Sal* 23, 4). Dan jiżgurana li Alla jħobbna, jimxi magħna u bil-ħila tiegħu ħajjitna tinbidel. Hekk kitbet Chiara Lubich: “Hi ħaga tajba li nkunu nafu li Alla jeżisti u jħenn għalina u li nistgħu nduru lejh għax ħallas għal dnubietna; imma hi ħaġ’oħra li ngħixu u nħossuna fiċ-ċentru tal-attenzjoni Tiegħu. B’hekk jgħib kull biża’ li jista’ jwaqqafna; ma nħossuniex aktar waħedna u ma nafux x’ser naqbdu nagħmlu […] Kull min jagħmel esperjenza profonda t’Alla, jaf li hu maħbub minnu u jemmen bil-qawwa kollha f’imħabbtu. Iċ-ċirkustanzi ta’ dwejjaq jew ta’ ferħ tal-ħajja jiddawlu mill-fatt li hu jkun iridhom jew jippermettihom” [2].

**“Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni”.**

Din il-profezija sabiħa seħħet f’Ġesù, li fil-Vanġelu ta’ San Ġwann ma jibqax lura milli jiddeskrivi lilu nnifsu bħala “ir-Ragħaj it-tajjeb”. Ir-rabta tagħna ma’ dan ir-ragħaj hi waħda personali u intima: “Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-ngħaġ tiegħi, u n-ngħaġ tiegħi jagħrfu lili” (*Ġw* 10, 14-15). Hu jmexxi n-ngħaġ

fil-mergħat tal-Kelma tiegħu li hi ħajja, b'mod partikulari l-Kelma li fiha nsibu l-"Kmandament il-Ġdid" [3]. Jekk ngħixu dan il-Kmandament, aħna jkollna l-ħila naraw il-preżenza tal-Irxoxt fil-komunità miġbura f'ismu u f'imħabbtu [4].

Augusto Parody Reyes u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**1: Ara *Sal* 23, 6.**

**2: C. Lubich, *L'essenziale di oggi, ScrSp/2*, Città Nuova, Ruma 19972, pġ. 148**

**3: Ara *Ġw* 13, 34.**

**4: Ara *Mt* 18, 20.**

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**